

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istrategġi ta’ ħruġ mill-kriżi tal-UE u r-rikonverżjoni industrijali: impjiegi aktar prekarji jew sostenibbli?” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2011/C 318/07)

Relatur: **is-Sur SIEKER**

Korelatur: **is-Sur POP**

Nhar il-15 ta’ Lulju 2010, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

L-istrategġi ta’ ħruġ mill-kriżi tal-UE: impjiegi aktar prekarji jew sostenibbli?

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta’ Ġunju 2011.

Matul l-473 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta’ Lulju (seduta tat-13 ta’ Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’123 vot favur, 5 voti kontra u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-ewwel nett, dan id-dokument jipprova jwieġeb il-mistoqsija dwar x’inhu l-aħjar mod kif l-industrija Ewropea toħroġ mill-kriżi. Il-KESE jinsab konvint li biex dan iseħħ hemm bżonn impjiegi sostenibbli. Dawn huma impjiegi li permezz tagħhom in-nies ikunu jistgħu jaqilgħu salarji f’ambjent sigur u f’saħħtu u fi klima fejn jiġu rikonoxxuti d-drittijiet tal-impjegati u fejn ikun hemm lok għal djalogu soċjali produttiv. Dawn huma impjiegi bi produttività għolja li japprezzaw l-innovazzjoni, il-kwalità, l-effiċjenza u l-produttività. Bis-saħħa t’hekk l-Ewropa tista’ tiġġenera tkabbir ekonomiku stabbli u tibqa’ kompetittiva meta mqabbla ma’ reġjuni oħra fid-dinja.

1.2 Fil-fehma tal-KESE, l-iktar prerekwiżit importanti biex jinħolqu dawn l-impjiegi ġodda huwa t-tkabbir ekonomiku stabbli. Il-KESE bi pjaċir jinnota li għadd ta’ istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ressqu proposti għall-ħruġ mill-kriżi ekonomika li jikkunsidraw id-dimensjoni soċjali tal-irkupru. L-Istrategġija Ewropa 2020, li tinkludi l-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea, u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tas-suq tax-xogħol mill-imsieħba soċjali Ewropej qed jimxu fl-istess direzzjoni, iżda anke l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, l-ILO u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) qed jirakkomandaw li ma jitqisux biss l-interessi ekonomiċi.

1.3 Il-KESE jirrikonoxxi li l-intrapriżi jistgħu jeħtieġu diversi tipi ta’ kuntratti ta’ xogħol. Dan iwassal għal opportunitajiet ġodda tax-xogħol. Iżda b’hekk jinħoloq l-impjeg prekarju b’persuni fuq kuntratti temporanji, b’paga baxxa, ħarsien soċjali ta’ livell baxx u mingħajr protezzjoni tad-drittijiet. Madankollu, mhux kull impjeg temporanju huwa prekarju, il-ħaddiema indipendenti kkwalfikati sew jistgħu jagħmlu qligħ eċċellenti fis-suq tax-xogħol b’dan it-tip ta’ kuntratt. Iżda x-xogħol temporanju fih innifsu huwa prekarju meta jkun fil-qasam ta’ impjeg b’paga baxxa jew li ma jeħtieġx kwalifiki fil-produzzjoni u s-servizzi. Il-flessigurtà tista’ toffri soluzzjoni għall-ħtiġiet tal-intraprendituri għal xogħol flessibbli, iżda biss meta dan joffri l-vantaġġi tas-sigurtà ta’ livell kumparabbli mas-sigurtà offruta minn impjeg fiss, kif ġie rakkomandat fl-Opinjoni tal-KESE dwar il-flessigurtà (CCMI/066).

1.4 B’riżultat tal-iżviluppi demografiċi – it-tixjiħ tal-popolazzjoni u għadd dejjem iżgħar ta’ zghażaġh deklin fis-suq tax-xogħol – u l-bidliet teknoloġiċi rapidi fil-proċessi tal-produzzjoni, l-Ewropa qed tiġi mhedda b’nuqqas kbir ta’ persunal kwalifikat. Għalhekk, huwa tal-ikbar importanza li kulħadd ikollu aċċess għas-suq tax-xogħol u li dan l-aċċess jinżamm u li ħadd ma jiġi eskluż. Il-KESE jenfazizza li l-ħaddiema jrid ikollhom il-possibbiltà li jżommu l-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom aġġornati u li jiżviluppaw kompetenzi ġodda matul il-ħajja professjonali. B’hekk, il-ħaddiema jkun kapaċi jadattaw għat-tidliet fil-kuntest ta’ xogħlhom u barra minn hekk tkun tista’ tiġi indirizzata d-domanda għal ħaddiema kwalifikati fis-suq tax-xogħol. L-organizzazzjoni ta’ dan il-proċess b’mod tajjeb u effiċjenti hija waħda mill-iktar kompiti importanti li għandha l-UE biex tibqa’ kompetittiva ma’ reġjuni oħra fid-dinja.

1.5 Il-KESE jisħaq li l-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għall-programmi ta’ taħriġ professjonali. Minħabba li mir-riċerka jidher li l-ħaddiema li għandhom bżonn it-taħriġ l-iktar huma l-inqas li jagħmlu użu minnu, hemm bżonn miżuri differenti għal gruppi ta’ ħaddiema differenti:

1.5.1 Biċċa kbira mill-baġit għandha tkun dedikata għall-ħaddiema bl-inqas kwalifiki għax dawn huma l-iktar li għandhom bżonn it-taħriġ. Dan jista’ jsir bl-għoti ta’ baġits tat-taħriġ lill-ħaddiema individwali fejn l-ammont ikun proporzjonali b’mod invers għall-livell tat-taħriġ b’tali mod li l-ħaddiema bl-inqas kwalifiki jingħataw l-iktar fondi.

1.5.2 Għall-ħaddiema mdaħħla fl-età hemm bżonn politika tal-persunal iktar sensittiva għall-età. Għad li f’hafta Stati Membri tal-UE l-età tal-pensjoni għoliet, ħafna persuni mdaħħla fl-età qed jitilfu xogħlhom fis-suq tax-xogħol qabel ma jilhqqu l-età attwali tal-pensjoni pereżempju għax ma jistgħux ilaħħqu mal-bidliet. It-taħriġ immirat u speċifiku jista’ jikkontribwixxi għas-soluzzjoni ta’ din il-problema.

1.5.3 Huwa ferm importanti li l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu effettivi. Diversi Stati Membri pprovwaw metodi ta' taħriġ ġodda u iktar effettivi u qed jergġu jsibu l-importanza tal-apprendistat fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppatti iktar dawn it-toroq u jappella lill-Kummissjoni tistimula dan l-iżvilupp billi tieħu ħsieb li jsir skambju tal-prattiki tajbin f'dan il-qasam.

1.5.4 Huma u jwettqu xogħlihom il-ħaddiema jiksbu għarfien u taġlim informali iżda utli. Il-kompetenzi li jinkisbu b'dan il-mod mhumiex rikonnoxxuti biżżejjed għax ma tingħata l-ebda diploma formali. F'diversi Stati Membri qed titħejja sistema għar-Rikonnoxximent tal-Ksib tal-Kompetenzi (EVC). Anki din l-inizjattiva jistħoqqilha r-ikonnoxximent u l-appoġġ mill-Kummissjoni.

1.5.5 Fuq l-inizjattiva tad-DG għall-Edukazzjoni u l-Kultura ġew żviluppatti għadd ta' strumenti għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-avvanz tat-taġlim tul il-ħajja fil-livell Ewropew ⁽¹⁾. Dawn l-istrumenti issa jinsabu stabbiliti fil-partijiet kollha tal-qasam edukattiv biex jissaħħu l-mobbiltà u d-disponibbiltà ta' studenti fl-Ewropa. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza ta' dawn l-istrumenti u jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga kif dawn l-istrumenti jistgħu jintużaw biex jissaħħu l-mobbiltà u d-disponibbiltà tal-ħaddiema tal-Unjoni Ewropea.

1.5.6 Hemm diversi strumenti disponibbli biex jiġi ffaċilitat dan it-tip ta' miżura. Xi wħud minn dawn il-programmi jistgħu jiġu stabbiliti fil-ftehimiet tan-negozjar kollettivi, u jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri bl-għoti ta' inċentivi finanzjarji bħall-eżenzjoni mit-taxxa. L-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi permezz ta' kofinanzjament mill-fondi strutturali u billi xxerred il-prattiki tajba fost l-istituzzjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.

1.5.7 Il-KESE jenfasizza li l-ħaddiema mhux biss għandhom id-dritt għall-aċċess għall-programmi tat-taħriġ professjonali iżda għandhom bżonn ukoll is-sigurtà tad-dħul u l-ħarsien soċjali biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw sew mingħajr ansjetà dwar il-futur f'soċjetà li qed tinbidel malajr.

1.6 L-ambizzjoni tal-UE huwa li tiżviluppa l-ekonomija kompetittiva tal-għarfien b'iktar impjegji u impjegji aħjar u koeżjoni soċjali aħjar. Fit-Trattat ta' Lisbona hemm imniżżel b'mod ċar li l-UE tixtieq tilħaq dan il-għan, fost affarijiet oħra, billi tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali, iżżid il-progress ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini u tiżgura d-drittijiet soċjali tal-Karta Soċjali Ewropea tal-1961, tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-2000.

1.7 Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej biex iżommu l-istandard soċjali Ewropew b'iktar konvinzjoni. In-nuqqas ta' ħeġġa f'dan il-qasam fost affarijiet oħra qed iwassal għadd ikbar ta' ħaddiema f'qar, inugwaljanza dejjem tiżdied, ansjetà

dejjem ikbar dwar il-futur u fl-istess ħin dejjem inqas fiduċja min-naħa taċ-ċittadini f'xulxin, fl-istituzzjonijiet soċjali u fil-gvern - mhux biss fir-rigward tal-gvern nazzjonali iżda wkoll fir-rigward tal-istituzzjonijiet Ewropej, kif qed jurina l-Ewroxtetiċiżmu dejjem jiżdied f'għadd ta' Stati Membri.

1.8 Fl-Istati Membri hemm bosta inizjattivi fil-qasam diskuss f'din l-Opinjoni. Xi wħud minn dawn l-inizjattivi huma deskritti fl-anness meħmuż ma' din l-Opinjoni. L-eżempji msemmija mill-membri tas-CCMI fl-anness juru li hemm dinamiżmu kbir, iżda anke li hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi u s-setturi. Hemm bżonn li jsir skambju tal-esperjenzi u Prattiki tajba fil-livell prattiku. X'jaħdem u x'ma jaħdimx? Liema huma l-fatturi kruċjali? Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi u tiffaċilita l-iskambju tal-esperjenzi u tal-prattiki tajbin.

2. Il-qagħda attwali

2.1 L-ekonomija issa ilha fi kriżi dawn l-aħħar tliet snin. B'diet bi kriżi fis-swieq finanzjarji kkawżata minn suq tad-djar staġnat fl-Istati Uniti. Fit-tieni sitt xhur tal-2008, l-"ekonomija reali" esperjenzat tnaqqis gravissimu fir-ritmu bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja. Il-"kriżi ta' kreditu" akuta ma tkoprix l-ambitu sħiħ tal-kriżi. Il-problema ma kinitx biss waħda ta' nuqqas tal-likwidità u (fuq perijodu itwal) tal-kapital; kien hemm ukoll kriżi ta' fiduċja strutturali u ġenerali fis-settur finanzjarju.

Din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja ma tittrattax il-kriżi, iżda tripprova twieġeb il-mistoqsija dwar x'inhu l-aħjar mod kif l-industrija Ewropea toħroġ minnha.

2.2 B'kollox, fl-2009 u fl-2010 fl-Ewropa ntilfu 3,25 miljun impjeg, l-iktar fl-industrija u l-agrikultura. Anke qabel ma bdiet il-kriżi, l-Unjoni Ewropea kienet esprimiet it-tħassib tagħha dwar it-tibdil demografiku. Billi l-baby-boomers, li twieldu wara t-Tieni Gwerra Dinjija, issa waslu biex jirtiraw, dalwaqt se jkun hawn nuqqas kbir ta' ħaddiema tas-sengħa. Billi l-ħaddiema mdaħħla fl-età qed jieqfu mix-xogħol b'rata iktar mgħaġġla minħabba l-kriżi l-kwistjoni ta' kif se jiġu sostitwiti issa saret dejjem iktar urġenti. Dan il-punt joħloq żewġ problemi relatati. L-ewwel waħda hija kwantitativa: fuħud mill-Istati Membri, u f'xi setturi industrijali, se jidħlu żgħażaġh mhux kwalifikati biżżejjed fis-suq tax-xogħol biex jindirizzaw id-domanda. It-tieni problema tikkonċerna l-kwalità: il-mod għal għarrieda kif il-forza tax-xogħol qed tinbidel qed ixekkel it-trasferiment tal-għarfien fil-kumpaniji u l-impriji.

2.3 L-iktar prerekwiżit importanti biex jinħolqu impjegji ġodda huwa t-tkabbir ekonomiku stabbli. Mill-bidu tal-2010, kien hemm evidenza ta' rkupru fraġli, b'żieda żgħira fil-produzzjoni f'numru ta' setturi industrijali, u domanda għall-ħaddiema li qed tiżdied bil-mod il-mod, għalkemm is-sitwazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Minħabba l-influenza tal-globalizzazzjoni s-soċjetà qed tinbidel b'rata mgħaġġla u s-suq tax-xogħol qed tinbidel magħha. L-intrapriżi jużaw diversi tipi ta' xogħol. Dan qed iwassal dejjem iktar għal forom ġodda ta' impjegji, fosthom dawk prekarji. Skont l-aħħar stħarriġ tal-Eurofond dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa jidher li impjeg fiss għadu xi ħaġa normali għall-biċċa l-kbira

(1) EQF, ECVET, Europass, EQAF

tal-impjegati iżda l-għadd ta' ħaddiema temporanji qed jiżded (2). L-iktar strumenti importanti biex jiġu evitati l-ftehimiet kollettivi jidhru li huma s-sottokuntrattar, l-esternalizzazzjoni u x-xogħol indipendenti "falz" b'kundizzjonijiet tax-xogħol minimi. L-użu ta' dawn il-mudelli żdied fis-snin reċenti.

3. Sfond

3.1 Il-mudell soċjali Ewropew huwa għamla unika ta' kapitaliżmu soċjali, li żviluppa fl-Ewropa minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn u li kellu suċċess fil-ġlieda kontra l-agħar aspetti tal-kapitaliżmu filwaqt li fl-istess ħin żamm il-benefiċċji li jgħib miegħu. Dan il-mudell kien sors ta' ispirazzjoni għall-Istati Membri tal-UE huma u jibnu soċjetà msejsa fuq il-koeżjoni, is-solidarjetà u l-kompetittività. Fl-aħħar mill-aħħar dan il-mudell għandu jwassal għal żona ta' benessere li tkun demokratika, tirrispetta l-ambjent, tkun kompetittiva bbażata fuq is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa.

3.2 Dan il-prinċipju jidher ukoll fit-Trattat ta' Lisbona. Barra milli tistipula għadd ta' drittijiet ekonomiċi u regoli dwar il-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern, l-UE twiegħed li-ċittadini tagħha li:

- tixtieq tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali;
- hija determinata li tippromovi l-progress ekonomiku u soċjali għaċ-ċittadini tagħha;
- tiggarantixxi d-drittijiet soċjali stipulati fil-Karta Soċjali Ewropea tal-1961, il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
- tfittex l-ogħla livell possibbli ta' għarfien għaċ-ċittadini tagħha permezz ta' aċċess wiesa' għall-edukazzjoni;
- tiggarantixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet u tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet bħall-impjieg u x-xogħol, inkluża paga ugwali għal xogħol ugwali jew tal-istess valur fl-istess kumpanija jew l-istess ftehim kollettiv.

3.3 Iżda fir-realtà, is-sitwazzjoni tidher inqas promettenti. L-impjieg qed jinħolqu, iżda l-iktar impjieg temporanji, mingħajr irbit u bi dħul baxx, b'sigurtà soċjali limitata u ftit li xejn protezzjoni għall-impjegati. Fiha nnifisha hija ħaġa loġika li min iħaddem ma joffrix kuntratti fissi mill-ewwel lill-impjegati meta l-ekonomija tibda ħierġa bil-mod il-mod minn kriżi. Din tista' tkun soluzzjoni utli għall-offerta tas-suq tax-xogħol u fl-istess ħin tista' tgħin fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali għax jiġi offrut xogħol lil grupp ta' nies li kieku ma jidhrlux fis-suq

tax-xogħol. Iżda dan m'għandux iwassal għall-esplojtazzjoni, meta l-irkupru javvanza u x-xogħol ikun jidher ta' tip strutturali dawn l-impjiegji wkoll għandhom jinbidlu f'forma ta' kuntratt bil-garanzija ta' dħul raġonevoli, sigurtà soċjali u protezzjoni tad-drittijiet.

3.4 Ħaġa iktar inkwetanti hija li anke l-impjiegji stabbli b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti qed isiru prekarji b'kuntratti mingħajr irbit, temporanji u bi ftit li xejn sigurtà soċjali u protezzjoni limitata. Dan ma jiġrix biss fis-settur privat iżda anke fil-gvern. Dan imur kontra l-wegħdiet li-ċittadini dwar il-koeżjoni soċjali fit-Trattat ta' Lisbona. B'mod ġenerali, mhux kull impjieg temporanju huwa prekarju, l-ispeċjalisti kkwalifikati sew jistgħu jagħmlu qligħ eċċellenti minn dan l-arranġament fis-suq tax-xogħol. Iżda x-xogħol temporanju fih innifsu huwa prekarju meta jkun fil-qasam ta' impjieg b'paga baxxa jew li ma jeħtieġ kwalifiki fil-produzzjoni u s-servizzi (3).

3.5 F'haġna oqsma l-Ewropa għadha minn ta' quddiem fid-dinja fil-qasam tal-benesseri, ħarsien soċjali u kompetittività iżda morna lura meta nqabblu mal-passat tagħna u ma' ekonomiji oħrajn. Il-faqar qed jiżded, id-differenzi fid-dħul qed jikbru u l-infiq pubbliku qed jonqos, skont studju tal-OECD (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku) mill-2008 (4).

3.6 Fl-2003, l-Eurostat żiedet "il-ħaddiema fqar" mal-portafoll Ewropew ta' indikaturi soċjali. Fl-2008, il-persentaġġ ta' "ħaddiema fqar" fl-UE-27 żdied għal 8,6 %. Fost affarijiet oħra, dan huwa riżultat tal-fatt li l-parti tax-xogħol stabbli u deċenti qed tonqos, filwaqt li l-proporzjon ta' xogħol instabli u prekarju qed jiżded. Dan qed iwassal għal dejjem inqas fiduċja fost iċ-ċittadini. U soċjetà mibnija fuq in-nuqqas ta' fiduċja u li qed titħassar minħabba l-kunflitt soċjali m'għandhiex ċans għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u stabbli.

3.7 L-inugwaljanza materjali żdiedet għmielha fl-aħħar għaxar snin. F'wieħed mill-aħħar kotba (5) tiegħu, Judt ta xi eżempji rimarkabbli. Fir-Renju Unit l-inugwaljanza hija ikbar milli kienet mis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor 'l hawn, dan il-pajjiż għandu l-ikbar numru ta' tfal fqar fl-UE, il-maġġoranza tal-impjiegji għodda li nħolqu jitħallsu jew tajjeb haġna jew ħażin haġna u mill-1973 'l hawn id-differenza fid-dħul imkien ma żdiedet daqshekk.

Fl-Istati Uniti, fl-1968 il-kap tal-General Motors qala' 66 darba iktar mis-salarju medju tal-ħaddiema tiegħu, filwaqt li fl-2009 l-kap ta' Wal-Mart qala' 900 darba iktar mis-salarju medju tal-impjegati tiegħu. Dan l-eżempju jirrappreżenta l-estremi iżda l-medja turi stampa simili. Fl-1965, id-diretturi tal-kumpaniji l-kbar qalgħu 24 darba iktar mis-salarju medju fl-intrapriżi tagħhom, filwaqt li fl-2007, dan żdied għal 275 darba iktar. (6)

(3) Definizzjoni ta' xogħol prekarju: xogħol b'kuntratt temporanju li fi kwalunkwe mument jista' jiġi kkanċellat min-naħa ta' min iħaddem biss mingħajr l-ebda obbligu ta' raġuni.

(4) *Growing unequal? Income distribution and poverty in OECD countries.*

(5) *Ill Fares the Land: A Treatise on Our Present Discontent* (2010).

(6) www.finfacts.ie/irishfinancenews/article_1020265.shtml

(2) *Changes over time – first findings from the fifth European Working conditions survey.*

3.8 L-ispejjeż soċjali ta' inugwaljanzi jiżdedu huma għolja. Skont ir-riċerka ta' Wilkinson u Pickett (7), soċjetà fejn l-inugwaljanza materjali tkun relattivament kbira, ħafna drabi f'kull aspekt ieħor tal-ħajja ta' kuljum tmur agħar minn soċjetà fejn l-inugwaljanza materjali relattiva tkun żgħira. In-nies ikunu inqas b'saħħithom, il-ħajja tkun iqsar, ikun hemm iżjed kriminalità u – l-ikbar problema – tonqos il-fiduċja tan-nies f'xulxin u fis-soċjetà. Fl-aħħar mill-aħħar dan iwassal biex in-nies iduru kontra l-awtoritajiet, kemm dawk nazzjonali kif ukoll kontra l-Unjoni Ewropea kif qed naraw biż-żieda fl-Ewrosetticiżmu f'għadd ta' Stati Membri dejjem jikber. Dan ifixkel ukoll il-fiduċja li n-nies ikollhom f'xulxin, pereżempju bejn l-imsieħba soċjali.

4. Għanijiet

4.1 Il-bidla ekonomika qed tgħaġġel dejjem aktar. Flimkien mal-problemi demografiċi li qed inħabtu wiċċna magħhom jitolbu azzjoni radikali u malajr. Is-soċjetà qatt mhi "lesta": hija tiżviluppa l-ħin kollu u s-suq tax-xogħol irid jimxi ma' dawn l-iżviluppi. Iżda mhumiex biss l-isfidi ekonomiċi li jinfluwenzaw l-orjentazzjoni: hemm ukoll l-interessi soċjali. B'hekk, l-isfida hija kif nistgħu norjentaw lis-suq tax-xogħol b'tali mod li tgawdi minnu s-soċjetà kollha kemm hi.

4.2 Fl-istitutazzjonijiet kollha kkonċernati jidher li hemm kunsens dwar id-direzzjoni li għandha tittieħed fis-suq tax-xogħol. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ppreżenta linji gwida dwar il-politika tal-impjegi (8) li jagħtu attenzjoni speċjali lill-aspetti soċjali. Il-Kunsill tal-Ministri tax-Xogħol għal darb'oħra semma l-vantaġġi tal-flessibilità fi ħdan il-kumpaniji, minflok ma jkun hemm ċerta flessibilità "fuq barra". Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tappella lill-UE biex tiżviluppa strateġija għall-"impjegi ekoloġiċi". Din għandha tgħin mhux biss biex jinħolqu għajjen sostenibbli iżda fl-istess ħin iġġiegħel lill-Ewropa tkun innovattiva (9). Il-KESE diġà ħareġ għadd ta' Opinjonijiet dwar dan is-suġġett (10). Il-Parlament Ewropew ukoll adotta riżoluzzjoni b'maġġoranza dwar il-ftehimiet tax-xogħol atipiċi u ħareġ *favur* l-impjegi stabbli u *kontra* l-konverżjoni ta' impjegi stabbli f'impjegi prekarji (11).

4.3 Fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet għadd ta' "inizjattivi ewlenin" bi proposti konkreti f'dan il-qasam. Fid-dokument bl-isem ta' "Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni" hija tipproponi li jinħolqu impjegi ta' valur ogħla u produttività ogħla. Fl-inizjattivi ewlenin "Żgħażaġħ attivi" u "Aġenda għal ħiliet u impjegi ġodda" isir appell għall-"kuntratt uniku". B'dawn it-tipi ġodda ta' kuntratt il-Kummissjoni tixtieq tgħaqqad is-suq tax-xogħol maqsum fi tnejn billi l-persuni l-ġodda f'dan is-suq, wara

żmien ta' prova raġonevoli, jingħataw id-drittijiet soċjali li jwasslu għall-aċċess għas-sistemi bbażati fuq negozjati kollettivi bejn l-imsieħba soċjali jew fuq il-liġi.

4.4 Anke l-imsieħba soċjali Ewropej tista' tgħid jaqblu dwar il-politika li trid tiġi segwita. Fl-2007 (12) u fl-2010 (13), BUSINESSEUROPE, il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC), UEAPME u CEEP ippubblikaw rapporti li kien fihom rakkomandazzjonijiet għal politika dwar is-suq tax-xogħol li ma tkoprix biss l-interessi ekonomiċi iżda wkoll dawk soċjali.

4.5 F'konferenza li saret f'Oslo f'Settembru 2010, l-FMI u l-ILO saħqu li kien ferm importanti li jitnaqqsu r-rati enormi tal-qgħad, mhux biss għal raġunijiet ekonomiċi iżda anke fl-interessi tal-koeżjoni soċjali. Skont l-FMI, hemm bżonn li nevitaw ir-riskju li tintilef ġenerazzjoni sħiħa mis-suq tax-xogħol. Mill-1999 'l hawn, l-"Aġenda dwar ix-Xogħol Deċenti" tal-ILO kellha l-għan li n-nies ikunu jistgħu jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' liberta', ugwajlanza, sigurtà u dinjità umana. F'Ġunju 2009, l-ILO adottat il-"Global Jobs Pact", inizjattiva ġdida mmirata lejn l-irkupru ekonomiku u ż-żamma tal-impjegi. Fl-aħħar pubblikazzjoni tagħha dwar l-impjegi (14), l-OECD appellat għal politika li tiffoka fuq il-prevenzjoni tal-qgħad tal-massa fit-tul.

4.6 M'hemmx għalfejn ngħidu li l-prinċipju bażiku huwa li l-Ewropa tibqa' kompetittiva meta mqabbla ma' reġjuni oħra fid-dinja, u dan ser ikun possibbli biss bis-saħħa tal-innovazzjoni, il-kwalità, l-effiċjenza u l-produttività. L-UE ma tistax sempliċement tikkompeti fuq l-ispejjeż ma' pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil. Dan jista' jirriżulta biss f'kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa li jmorru lura – u dan imur kontra l-ambizzjoni tal-UE li tkun ekonomija tal-għarfien kompetittiva li toffri aktar impjegi u impjegi agħar, kif ukoll koeżjoni soċjali akbar. Minbarra li tirdoppja l-isforzi tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp, fuq kollox l-UE għandha tinvesti fl-inċentivi u l-appoġġ għall-iskejjel u li permezz tagħhom ir-responsabbiltajiet għall-edukazzjoni ġenerali taqa' taħt l-edukazzjoni pubblika u t-taħriġ vokazzjonali speċifiku għall-ħaddiema fidejn l-imsieħba soċjali u l-gvern.

4.7 L-importanza tat-taħriġ professjonali mmirat qed tiġi sottovalutata. Jidher li dan it-taħriġ ħafna drabi jkun limitat biss għall-ħaddiema relattivament żgħażaġh u ħaddiema li diġà għandhom kwalifiki relattivament għolja. Fl-UE-27 57,6 % tal-ħaddiema bi kwalifiki ogħla jieħdu sehem fit-taħriġ professjonali, filwaqt li 28,4 % ta' ħaddiema b'inqas kwalifiki jieħdu sehem f'dan it-taħriġ. Il-pajjiżi bl-ogħla u l-inqas pożizzjoni huma rispettivament l-Isvetja (91 u 57,6 %) u r-Rumanija (14 u 3,9 %) (15). Dan it-taħriġ għandu jkun immirat ukoll lejn nies inqas edukati, nies ikbar fl-età u n-nisa u l-immigranti, sabieħ

(7) The Spirit Level: Why more equal societies almost always do better (2009).

(8) Fajl interistitutzzjonali 2010/0115.

(9) P7_TA(2010)0299.

(10) CESE ĠU C 306, 16.12.2009, p. 70 u ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjegi" (ĠU C 107, 6.4.2011, p. 77).

(11) I 2009/2220(INI).

(12) Key challenges facing European labour markets: a joint analysis of European social partners (L-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw is-swieq tax-xogħol Ewropej: analiżi konġunta tal-imsieħba soċjali Ewropej)

(13) Framework agreement on inclusive labour markets (Ftehim qafas dwar is-swieq tax-xogħol inkluzivi).

(14) OECD Employment Outlook 2010 – moving beyond the jobs crisis.

(15) Sthariġ tal-Edukazzjoni Adulta tal-Eurostat

dawn il-gruppi jerġa' jkollhom prospettiva u jkollhom tama għal post fis-suq tax-xogħol. Waħda mill-miżuri għall-promozzjoni ta' dan il-kunċett huwa li l-baġits tat-taħriġ jingħataw lill-impjegati individwali li jinsabu fi proporzjon żbilanċjat fil-livell ta' taħriġ. Il-qgħad jolqot l-iktar lil dawk bl-inqas edukazzjoni u impjegati b'kompetenzi li m'għadhomx jgħoddu li jaħdmu fsettur tradizzjonali li qed jogħhsfru. Mingħajr aktar taħriġ mhux se jkun possibbli li jingħataw l-opportunità jsibu impjeg fsettur ekonomiku modern ieħor. U jekk ma niżgurawx li dawn in-nies jistgħu jerġgħu jidħlu fis-settur tax-xogħol, ma ndumux ma naslu għal nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fil-livelli kollha tas-suq.

4.8 Mhijiex qed tingħata biżżejjed attenzjoni lill-qagħda tal-ħaddiema mdaħħla fl-eż. Filwaqt li f'bosta Stati Membri tal-UE l-eż tal-pensjoni għoliet, ħafna nies imdaħħla fl-eż qed jtilflu l-pożizzjoni tagħhom fil-post tax-xogħol minħabba li jkun laħqu l-eż tal-pensjoni attwali. Jew għax ma jistgħux ilhahhqu iktar mal-proċessi tal-produzzjoni, jew għax it-tħaddim tas-servizzi bix-xiftijiet ta' dik l-eż jkun problematiku. Sabiex dawn il-ħaddiema mdaħħla fl-eż jkun jistgħu jibqgħu jaħdmu, hemm bżonn politika tal-persunal iktar sensitiva għall-eż. Ħafna minn dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' korsijiet speċifiċi mmirati. Iżda anke hawnhekk, mid-data (16) tal-Eurostat jidher li l-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali hija ħafna iktar baxxa fost il-persuni mdaħħla fl-eż milli ż-żgħażgħ. (20,9 % tan-nies bejn il-55 u l-64 sena meta mqabbla ma' 44,2 % tan-nies bejn il-25 u t-43 sena).

4.9 L-edukazzjoni u t-taħriġ jagħmlu s-sens biss jekk il-programmi jkun effettivi wkoll u l-impjegati li jsegwu dawn il-programmi fil-fatt jiksbu l-ħiliet li jkollhom bżonn biex jadattaw għal suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr. Dan ifisser li l-edukazzjoni klassika teoretika, li bilkemm tirrifletti l-post tax-xogħol, għandha tiġi kkomplementata b'perjodi ta' Prattika f'kumpaniji. Fil-prattika dan it-taħriġ għadu qed jingħata frekwentement. F'dawn l-aħħar snin, f'diversi Stati Membri qed jingħata taħriġ ġdid, effettiv u mmirat lejn il-prattika fuq il-post tax-xogħol. Cedefop, dan l-aħħar wettaq stħarriġ dwar l-effett tat-tagħlim fuq il-post tax-xogħol (17). L-espansjoni u l-għoti tal-inċentivi ta' dan it-tip ta' taħriġ huma ferm rakkomandabbli.

4.10 Il-ħaddiema ma jitgħallmux biss permezz ta' taħriġ formali, iżda huma u jaqdu l-funzjoni tagħhom jiksbu għarfien u esperjenza utli. Il-kompetenzi li jinkisbu b'dan il-mod mhumiex rikonoxxuti biżżejjed għax ma jiġux ċertifikati u b'hekk ma tingħata l-ebda diploma formali u rikonoxxuta. Dan ixeġel il-mobbiltà tal-ħaddiema. Sakemm jibqgħu fl-istess impjeg m'hemmx problema, iżda jkun limitati fl-opportunitajiet li jibdlu l-impjeg għax ma jkunux jistgħu jużaw il-ħiliet tagħhom biex jiksbu impjeg ġdid. Qed isir dejjem iktar stħarriġ

dwar il-possibbiltajiet tas-sistema tal-EVC, fosthom mill-OECD (18) u Cedefop (19). Fil-maġġoranza tal-Istati Membri qed titħaddem sistema biex ir-riżultati tat-tagħlim informali u mhux formali jiġu valutati u rikonoxxuti iżda kien biss f'għadd limitat ta' Stati Membri li dan wassal għal riżultati konkreti (20). Din l-inizjattiva jistħoqqilha r-ikonoxximent u l-appoġġ.

4.11 Fuq l-inizjattiva tad-DĠ għall-Edukazzjoni u l-Kultura ġew żviluppjati għadd ta' strumenti għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-avvanz tat-tagħlim tul il-ħajja fil-livell Ewropew (21). Dawn l-istrumenti issa jinsabu stabbiliti fil-partijiet kollha tal-qasam edukattiv biex jissaħħu l-mobbiltà u d-disponibbiltà ta' studenti fl-Ewropa. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza ta' dawn l-istrumenti u jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga kif dawn l-istrumenti jistgħu jinħolqu wkoll biex jissaħħu l-mobbiltà u d-disponibbiltà tal-ħaddiema tal-Unjoni Ewropea.

4.12 Min iħaddem u jinvesti fil-ħaddiema tiegħu billi jorganizza laqgħat għat-taħriġ matul il-ħin tax-xogħol u jħallas l-ispejjeż kollha relatati jista' jitlob lill-ħaddiema jistudjaw matul il-ħin privat jekk ikun hemm bżonn studju barra l-laqgħat tat-taħriġ. Programm ta' taħriġ li ma jiffukax biss fuq biċċa xogħol speċifika iżda li jipprovi lin-nies bil-ħiliet biex jaħdmu b'mod aktar flessibbli fil-kumpanija jew xogħlijiet oħra fis-suq tax-xogħol huwa l-aħjar tħejji għal ġejjieni f'dinja li qed tinbidel malajr. Programm ta' dan it-tip joffri aspetti pożittivi kemm għall-impjegati kif ukoll għall-ħaddiema. Min iħaddem jakkwista ħaddiema impenjati u tas-sengħa u l-ħaddiema jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Dan il-proċess jeħtieġ li jingħata spinta ġdida urġenti, peress li, skont ċifri riċenti, il-proċess tat-tagħlim tul il-ħajja ilu jistaġna għal bosta snin (22).

5. Kif jista' jinkiseb dan?

5.1 In-negozji jeħtieġu ċ-ċertezza jekk iridu jagħmlu investimenti fuq tul ta' żmien, pereżempju fi żviluppi ġodda. Fil-Ġermanja it-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli ġew żviluppjati aktar malajr milli fil-bqija tal-Ewropa għax il-gvern Ġermaniż stabbilixxa programm ta' appoġġ multiannwali li ta ċ-ċertezza lin-negozji tas-settur li dan l-iżvilupp strutturali se jkun appoġġjat u ssussidjat mill-gvern tul għadd ta' snin. Il-konsegwenza ta' din il-politika hija li l-Ġermanja hija pajjiż mudell f'dan il-kamp u li l-impjegati f'dan is-settur f'perjodu ta' għaxar snin żdiedu minn taħt is-70 000 għal kważi 300 000.

(18) <http://www.oecd.org/dataoecd/9/16/41851819.pdf>

(19) <http://www.cedefop.europa.eu/EN/publications/5059.aspx>

(20) Pereżempju, Franza tirrikonoxxi ċ-Ċertifikat ta' ħiliet (CCE) u l-Pajjiżi l-Baxxi jirrikonoxxu ċ-Ċertifikat tal-esperjenza.

(21) EQF, ECVET, Europass, EQAF

(22) <http://epp.eurostat.ec.europa.eu/tgm/table.do?tab=table&language=en&pcode=tsiem080&tableSelection=1&footnotes=yes&labeling=labels&plugin=1>

(16) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(17) <http://www.cedefop.europa.eu/successstories> on workplace learning

5.2 Mhumiex biss in-negozji li għandhom bżonn iċ-ċertezza: il-ħaddiema jeħtieġu iċ-ċertezza tad-dħul finanzjarju, tas-sigurtà soċjali u tat-taħriġ. Dawn il-prinċipji jirrappreżentaw il-valuri ċentrali tal-Mudell Soċjali Ewropew l-istess bħalma t-Tieni Gwerra Dinjija fformat l-Ewropa. Ħaddiema li jkunu mħarrġa tajjeb ikollhom is-sigurtà tad-dħul finanzjarju għax bil-kwalifiki tagħhom ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol u għas-sigurtà ta' xogħol deċenti. Il-ħaddiema qiegħda mingħajr ma għandhom tort jeħtieġu sigurtà soċjali biex ikunu jistgħu jibdeu it-taħriġ, biex jitħarrġu mill-ġdid jew biex jieħdu aktar taħriġ. Fl-aħħar nett, il-ħaddiema għandhom bżonn iċ-ċertezza li jkollhom aċċess għall-programmi ta' taħriġ li ser jagħtuhom l-opportunità jilhqqu l-ambizzjonijiet personali tagħhom f'termini ta' xogħol u dħul finanzjarju. L-uniku mod kif il-Mudell Soċjali Ewropew jista' jinżamm f'suq globali huwa b'forza tax-xogħol disponibbli li tkun motivata, kwalifikata, responsabbli u flessibbli. Il-prezz li jrid jitħallas għal dan huwa li l-forza tax-xogħol trid tingħata s-sigurtà rigward il-valuri ċentrali tal-Mudell Soċjali Ewropew.

5.3 Madankollu, l-impjegati mhux ser ikunu jeħtieġu t-tliet tipi ta' sigurtà fl-istess ħin. Barra minn hekk, dawn l-ispejjeż, eventwalment, dejjem iħallsu għalihom infushom. Meta jkun hemm qbil aħjar bejn l-offerta u l-provvista fis-suq tax-xogħol, minħabba programmi għat-taħriġ, jew it-taħriġ mill-ġdid tal-persuni qiegħda, ikun hemm inqas qgħad fit-tul.

5.4 Il-flessigurtà, meta tkun miftiehma bejn l-imsieħba soċjali, tista' tkun għodda importanti fil-parti tas-suq tax-xogħol fejn id-domanda għax-xogħol flessibbli tkun loġika, ċara u ġusta⁽²³⁾. Il-forom ta' xogħol ġodda jista' jkollhom iżjed ċans ta' suċċess meta l-imsieħba soċjali jiftieħmu b'mod kollettiv. U dan jista' jseħħ biss fi klima msejsa fuq il-fiduċja. Mhumiex biss l-intrapriżi li jeħtieġu s-sigurtà iżda l-impjegati wkoll. Illum il-ġurnata mhux kulħadd ifittex impjieg għal ħajjithom. Li jixtiequ l-ħaddiema hija s-sigurtà li matul il-perijodu li fih jistgħu jaħdmu, jkollhom ix-xogħol. Mhux fil-forma ta' xogħol temporanju u prekarju iżda b'aktar sigurtà bħal kif issemma fil-punt 5.2. Dan jista' jinkiseb permezz tal-flessibbiltà, mhux billi l-impjegati jkunu flessibbli barra l-erba' ħitan tan-negozju - kif iridu wħud min-negozji nfushom - iżda billi jużaw b'mod flessibbli l-persunal permanenti fin-negozju nnifsu. FLulju 2010, il-Kunsill tal-Ministri tax-Xogħol iddiskuta din l-alternattiva fost affarijiet oħra. Din il-forma ta' flessigurtà taqbel aktar mal-ekonomija tal-għarfien li l-UE qed taspira li tkun. Il-ftehimiet kollettivi bejn l-imsieħba soċjali huma l-aħjar metodu biex tinkiseb il-flessibbiltà.

5.5 Madankollu, f'perijodi ta' ħafna xogħol l-intrapriżi dejjem ikollhom bżonn ħaddiema temporanji. Barra minn hekk dan il-mudell ta' flessibbiltà interna huwa inqas adatt għall-SMEs. L-SMEs huma importanti għall-ekonomija Ewropea: il-biċċa l-kbira tal-impjegi hemm jinsabu. Għalhekk irid jinstab metodu effettiv li jnaqqas id-differenzi bejn l-impjegati b'impjieg stabbli, ħarsien

soċjali tajjeb u pożizzjoni b'saħħitha għad-drittijiet u l-impjegati b'kuntratt temporanju, ħarsien soċjali mill-inqas u pożizzjoni prekarja rigward id-drittijiet. Min-naħa tagħhom, il-ħaddiema wkoll għandu jkollhom dritt garantit għal affarijiet bħall-ħlas meta jkun morda, it-tfaddil għall-pensjoni, id-dħul meta jkunu qiegħda, il-btala mħallsa u l-leave tal-ġenituri. Pereżempju, taħt ċerti kundizzjonijiet u b'tariffi affordabbli jistgħu jingħataw aċċess għall-arranġamenti li jkunu saru fil-livell settorjali bi ftehim kollettiv jew li jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Dan huwa l-każ fl-Awstrija, fejn implimentaw sistema ta' dan it-tip. Anke hawnekk hemm lok għal responsabbiltà konġunta għall-imsieħba soċjali u l-gvern.

5.6 Il-Ġestjoni tal-Persunal għandha wkoll rwol doppju importanti fil-futur. L-ewwel nett għandha rwol importanti fit-tfassil tal-kontenut tal-programmi tat-taħriġ biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jżommu l-kwalifiki professjonali aġġornati. Iżda hemm ukoll il-kompitu importanti li terġa' tinbena l-fiduċja mħassra bejn l-imsieħba soċjali sabiex flimkien ikunu jistgħu jfittxu soluzzjonijiet għall-problemi tas-suq tax-xogħol. Jekk il-partijiet involuti jirnexxihom isibu soluzzjonijiet ibbażati fuq din il-fiduċja mġedda, dan jista' jwassal għal suq tax-xogħol fejn min iħaddem jingħata l-flessibbiltà li jeħtieġ u l-ħaddiema jkollhom is-sigurtà li jkollhom bżonn.

5.6.1 Din il-politika mtejba tar-riżorsi umani hija s-soluzzjoni kemm biex tinkiseb fiduċja ġdida bejn l-imsieħba soċjali kif ukoll għal approċċ sostenibbli ġdid lejn is-suq tax-xogħol. Hija għandha tissejjes b'mod partikolari fuq dawn il-prinċipji:

- l-antiċipazzjoni tal-iżvilupp ta' impjegi u postijiet tax-xogħol u li jiġi żgurat li mhumiex ibsin wisq;
- inċentivi għall-ħaddiema biex jassumu riskji u responsabbiltajiet sabiex tissaħħaħ il-prestazzjoni ta' individwi u gruppi;
- ir-reviżjoni ta' ċerti strutturi inizjali ta' taħriġ (preparatorju), li ma jaqblux jew f'it li xejn jaqblu mar-rekwiżiti tas-swieq tax-xogħol lokali;
- it-titjib tal-opportunitajiet ta' gwida dwar il-karriera għaż-żgħażaġh, b'aktar parteċipazzjoni minn nies li jaħdmu fis-settur rilevanti jew li huma esperti fih;
- attenzjoni speċjali għall-għarfien prattiku lokali u fuq il-metodi tradizzjonali tal-produzzjoni u l-prodotti reġjonali li minħabba r-rarità għandhom status ta' wirt storiku.

5.6.2 L-għan ta' suq tax-xogħol aktar fsahhtu u stabbli jeħtieġ jiffirma parti minn strateġija usa' fejn anke atturi oħra jkollhom rwol, bħas-servizzi ta' interess ġenerali u l-professjonijiet liberi.

⁽²³⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Kif il-flessigurtà tista' tintuża għar-ristrutturazzjoni fil-kuntest tal-iżvilupp dinji" (ĠU C 318, 23.12.2009, p. 1-5).

5.7 Minkejja li d-direzzjoni għall-iżvilupp tas-suq tax-xogħol ġeneralment tingħata minn Brussell, din tista' tiġi implimentata biss fl-Istati Membri. L-iktar livell adatt huwa dak tar-reġjuni. Biex tinkiseb ekonomija tal-għarfien, huma r-reġjuni li jridu jiżviluppaw u jżommu popolazzjoni tax-xogħol kreattiva. L-UE tista' thegġegħ żvilupp ta' dan it-tip b'appoġġ finanzjarju mill-fondi strutturali Ewropej u billi tiġbor eżempji tajba u tagħmilhom disponibbli f'forma ta' bażi tad-data. Xi wħud minn dawn l-eżempji tajba nġabru mill-membri tas-CCMI u jinsabu meħmużin f-anness ⁽²⁴⁾. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tifrex dawn l-eżempji u tirrakkomandahom lill-istituzzjonijiet rilevanti kemm tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Istati Membri.

5.8 Fl-Ewropa nsibu bosta eżempji ta' reġjuni b'passat industrijali rikk fejn l-industrija tradizzjonali u għaldaqstant il-bażi

tal-impjeggi reġjonali u l-prosperità sparixxew kważi kompletament fi żmien qasir, bħaż-żona madwar Lille fit-Tramuntana ta' Franza u r-reġjun tar-Ruhr fil-Ġermanja. Minflok ma ppruvaw iżommu mal-passat tagħhom, il-partijiet ikkonċernati f'dawn ir-reġjuni taw ħarsa lejn l-alternattivi tagħhom għall-ġejjieni u ħadu passi biex iwettquhom. B'riżultat ta' dan kemm f'Lille kif ukoll fir-reġjun tar-Ruhr il-prospettiva mingħajr tama ddawret f'suċċess ibbażat fuq attivitajiet ekonomiċi ġodda, sostenibbli u bbażati fuq l-għarfien. Huwa hawnhekk li nsibu s-saħħa tal-ekonomija Ewropea: dawn is-setturi għandhom l-aħjar prospetti u l-Ewropa għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fihom. Kemm Lille kif ukoll ir-reġjun tar-Ruhr saru Bliet Kapitali tal-Kultura tal-Ewropa. F'dan il-livell, il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali għandhom jiffurmaw inizjattivi li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-mudell soċjali Ewropew bħalma fisser il-KESE f'Opinjoni-jiet preċedenti ⁽²⁵⁾.

Brussell, 13 ta' Lulju 2011.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

⁽²⁴⁾ <http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/handout.doc>.

⁽²⁵⁾ ĠU C 309, 16.12.2006, p. 119.